# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 23 ta' Jannar 2025**

Appell numru 429/2022

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Miriam CARUANA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-5 ta' Ottubru 2022 fil-konfront ta' Miriam CARUANA (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru: 14784M) li ġiet mixlija talli:

   Nhar it-28 ta' April 2015 għall-ħabta tal-4pm u'jew ħinijiet qabel fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin : -

   i) Kellha fil-pussess tagħha d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga imsemmija u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta Malta li jkollha fil-pussess tagħha din id-droga u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emmendati bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) U aktar talli saret reċediva b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu jew jiġu mħassra u dan ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li ma sabitx lill-appellanta ħatja tat-tieni imputazzjoni, sabet lill-appellanta ħatja tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement ikkundannatha għal erba' xhur priġunerija effettiva. In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-appellanta sabiex tħallas is-somma ta' mija sitta u tmenin euro disgħa u tmenin ċenteżmu (€186.89). Finalment il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga eżebita hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi CARUANA appellat minn din is-sentenza fejn talbet lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellanta ħatja tat-tieni imputazzjoni u illiberatha minnha filwaqt li tħassarha u tannullaha f'dik il-parti fejn sabitha ħatja tal-ewwel imputazzjoni u tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament tvarja l-piena nflitta billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fattispeċje tal-każ u dan wara li stqarret is-segwenti :-

> Illi fl-ewwel lok l-appellanti umilment tirrileva li tenut kont taċ-ċirkostanzi speċi tal-każ, il-piena nflitta fuqha kellha tkun fil-minimu. Illi jirriżulta li l-appellanti fil-perjodu tal-imputazzjonijiet odjerni li jirrisalu għal oltre seba' snin ilu, kienet għaddejja minn diversi problemi soċjali li wasslu sabiex hija tkun detenuta fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Illum -il ġurnata bl-għinuna ta' diversi professjonisti hija tinsab fit-triq it-tajba u għelbet il-vizzju li kienu ħakmuha dak iż-żmien. Tenut kont ta' dane u partikolarment tenut kont it-trapass taż-żmien mill-ħruġ tal-imputazzjonijiet u l-kambjament pożittiv tal-appellanti tali piena kellha tkun fil-minimu.
>
> F'dan is-sens fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel Qorti filwaqt illi saħqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza mistħoqqa lill-aspett riformattiv u għalhekk il-piena nflitta kemm fil-kwalita tagħha u sussidjarment u mingħajr preġudizzju, fil-kwantita' tagħha, ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv fil-kunċett ta' ġustizzja kriminali fiż-żmien tal-lum.

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi nhar it-28 ta' April 2015 għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar, xi uffiċjali fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin waslitilhom informazzjoni li l-appellanta CARUANA kienet fil-pussess ta' xi sustanza illegali. Kien għalhekk li l-uffiċjali tal-ħabs iddeċidew li jagħmlu tfittxija fiċ-ċella okkupata minn CARUANA u li fiha hija kienet tirrisjedi waħidha. Iżda qabel ukoll wettqu 'strip search' fuq il-persuna tagħha fejn instabet karta b'sustanza ta' lewn kannella taħt sider l-appellanta. It-tfittxija fiċ-ċella rriżultat fin-negattiv.

5. Il-Pulizija tal-Għassa ta' Raħal Ġdid infurmaw ukoll lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Francesco Depasquale li minnufih nieda nkjesta u inkariga lill-espert Godwin Sammut bl-analiżi tas-sustanza suspettata illeċita li sabu fuq il-persuna tal-appellanta. Minn analiżi illi saret irriżulta li din is-sustanza kienet droga erojina b'piż totali ta' 0.27 grammi u b'purita' ta' ċirka 18%.

6. Illi sussegwentement l-appellanta tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-11 ta' Ottubru 2017 b'rabta ma' din is-sejba ta' droga.

7. Issa dan l-appell ta' CARUANA huwa msejjes fuq il-piena li ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hawn fuq imsemmi. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

8. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox.

9. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra

żviluppat ukoll il-kunċett ta’ sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista’ jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir- Repubblika ta’ Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta’ Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta’ l-ewwel qorti) li kien jincidi b’mod partikolari fuq il- piena. S’intendi, kif diga` nghad, “sentencing is an art rather than a science” u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta’ kaz ma’ iehor jew tal-piena erogata f’kaz ma’ dik erogata f’kaz iehor.

10. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F’dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta’ reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f’qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta’ l-ewwel qorti.

11. Illi fl-ewwel imputazzjoni l-appellanta ġiet mixlija b’reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi bi ksur tal-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u bi ksur tar-Regolamenti numru 4 u 9 tal-L.S. 101.02 u dan in kwantu nstabet fil-pussess ta’ droga erojina. Illi ma jirriżultax ikkontestat li l-kwantita’ ta’ droga misjuba fuq il-persuna tagħha kienet tikkonsisti f’piż totali ta’ 0.27 gramma u għaldaqstant ir-reat kommess huwa dak ta’ pussess sempliċi tad-droga erojina.

12. Fil-fatt mix-xhieda ta' WSCO Maria Vassallo f'paġna 53 tal-atti proċesswali jirriżulta kif hija kienet preżenti meta saret strip search fuq il-persuna tal-appellanta u xehdet kif setgħet tara b'għajnejha stess kif taħt sider l-appellanta kien hemm 'pakkett'. Xehdet ukoll li dak li rreferiet għalih bħala 'pakkett' kien konsistenti fi trab liema kulur hija ma kinitx tiftakar.

13. Din il-verżjoni kienet ikkonfermata wkoll minn waħda mill-uffiċjali li fiżikament wettqet din l-istrip search. F'paġna 62 tal-atti proċesswali, Acting WSCO Mary Azzopardi xehdet hekk:

> ..x'ħin neħħiet il-bra, il-priġuniera Miriam Caruana, il-Maġġura Maria nnuttat pakkett suspettuż taħt sidirha x-xellugija.

14. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll li l-appellanta CARUANA kienet waħidha f'din iċ-ċella u li ma kienet allura taqsamha ma' ħadd. Imbagħad f'paġna 66 xehdet ukoll l-uffiċjala l-oħra, WCO 26 Janice Azzopardi, li flimkien ma' Acting WSCO Mary Azzopardi wettqet it-tfittxija fuq CARUANA. Din ukoll ikkonfermat il-verżjoni tal-Maġġur Maria Vassallo u tal-kollega l-oħra tagħha u ċjoe' li taħt sidirha fuq in-naħa tax-xellug, l-appellanta kienet qiegħda taħbi pakkett suspettuż.

15. Xehdet ukoll WPS 262 Diana Galea li f'paġna 75 tax-xhieda tagħha kienet iktar dettaljata mill-kollegi l-oħra tagħha għaliex semmiet kif meta l-appellanta għolliet sidirha, ġie nnutat li kellha karta ta' lewn abjad mrembla u li fiha kellha xi trab ta' lewn kannella.

16. Issa l-appellanta qegħda tappella għal piena imnaqsa minn dik ta' erba' xhur priġunerija effettivi kif imposti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan għaliex hija qiegħda tinsisti li llum -il ġurnata għamlet progress sostanzjali fir-riforma tagħha.

17. Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2023 id-Difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tinstema' l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia sabiex din il-Qorti jkollha stampa iktar ċara tal-istat attwali tal-appellanta qabel ma tgħaddi għall-ġudizzju finali. L-Avukat Ġenerali ma oġġezzjonatx għal din it-talba.

18. Fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Mejju 2023, instemgħet l-Uffiċjal tal-Probation u r-rikors ta' appell ġie trattat mill-partijiet. Jirriżulta li f'dan il-każ l-appellanta kellha passat li però kienet bil-mod il-mod bdiet

tinfatam minnu.  Kienet bdiet issib saqajha u anke sabet xogħol.  L-Uffiċjal tal-Probation semmiet kif verament kien hemm okkażjonijiet fejn l-appellanta kellha relapse għad-droga, iżda dawn kienu okkażjonijiet rari meta wieħed iqis kemm żmien kienet ilha ssegwiha l-Uffiċjal tal-Probation.

19. Il-problema li għandha l-appellanta f'dan il-każ huwa dovut għall-fatt li din is-sejba ta' pussess sempliċi ta' droga heroina, anke jekk fi kwantità żgħira ħafna, instabet fil-konfini tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin meta l-appellanta kienet qegħda detenuta hemmhekk.

20. Dan allura jfisser li dan ir-reat li f'ċirkostanzi kieku ma seħħx fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, bis-saħħa tal-Att numru 1 tal-2015 kien jista' jiġi sanzjonat mill-Kummissarji Għall-Ġustizzja b'penali li dak iż-żmien kienet tkun ta' bejn ħamsa u sebgħin euro u mija u ħamsa u għoxrin euro, f'dan il-każ, il-Qorti kienet imċaħda milli tapplika d-disposizzjonijiet ta' dak l-Att minħabba li bis-saħħa tal-Artikolu 13(ċ) ta' dak iż-żmien[1] dak l-Att ma kienx japplika meta r-reat kontra l-liġijiet tad-droga jkun wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilita' korrettiva.

21. Dan allura jfisser li l-appellanta anqas ma setgħet tibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-istess Att billi l-Qorti tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga.  Din ir-ratio legis hija msejsa fuq il-fatt li għalkemm il-Parlament Malti ried li persuni li jikkommettu reat ta' pussess sempliċi ta' droga ma jingħatawx sentenzi ta' priġunerija mill-banda ried li tinżamm l-id tal-ħadid ma min ikun ikkommetta reat marbut mal-abbuż tad-droga – inkluż pussess sempliċi ta' droga – fil-konfini tal-faċilita korrettiva.

22. Imma iżjed minn hekk, la l-Qorti tal-Maġistrati u l-anqas din il-Qorti ma jistgħu jimponi piena li tkun waħda mhix ta' priġunerija f'dan il-każ.  Dan peress li minbarra l-esklużjoni imsemmija fl-artikolu 13(ċ) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta imsemmi iżjed il-fuq, il-każ tal-appellanta kien jaqa' taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

23. Dan l-artikolu jgħid hekk:

(1) Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-

[1] Illum l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu "priġunier" għandha l-istess tifsira li ngħatatilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Ħabs u tinkludi priġunier meqjus li hu miżmum f'ħabs skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(3) tal-istess Att.

24. Dan allura jfisser li dawn il-Qrati, f'każijiet bħal dawk tal-appellanta għandhom idejhom marbuta kompletament in kwantu l-Liġi stess ma tħallihomx jimponu piena taħt il-minimu meta jkun hemm raġunijiet li huma speċjali u straordinarji u l-anqas ma tippermettilha timponi sanzjonijiet jew piena alternattivi skont l-Att dwar il-Probation jew inkella timponi sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha. Il-Parlament Malti ma għamilx dan b'kapriċċ, imma għamlu minħabba li jrid irażżan lil kull min ikun fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin milli jkompli jiddelinkwi anke meta jkun residenti f'dik il-Faċilita. Allura qies li l-akbar deterrent għal dan ikun billi tiġi imposta piena ta' priġunerija effettiva irrispettivament mill-partikolaritajiet tal-każ.

25. Għalhekk f'dan il-każ, anke jekk l-imġieba tal-appellanta wara li seħħ dan il-każ kienet waħda eċċellenti u anke jekk setgħa kien hemm dewmien żejjed fil-konklużjoni tal-każ mhux attribwibbli għall-appellanta, din il-Qorti bilfors trid timponi piena ta' priġunerija peress li l-piena għal dan ir-reat mhux biss tipprevedi l-piena ta' priġunerija, talli din il-piena trid tiżdied, bilfors bis-saħħa tal-Liġi stess, bi grad jew tnejn.

26. L-artikolu tal-Liġi relattiv għall-ewwel imputazzjoni u li taħtu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet il-piena tagħha huwa l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

27. L-inqas perjodu ta' priġunerija li setgħa jingħata għalhekk għal dan ir-reat (li kieku kien kommess barra l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin) kien dak ta' priġunerija għal żmien tliet xhur. Iżda ġaladarba r-reat ġie mwettaq fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, din il-piena trid tiżdied bi grad jew tnejn.

28. Skont l-artikolu 31(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, it-tlugħ fil-pieni minn grad għall-ieħor jsir billi jinbeda mill-ħmistax il-grad imsemmi fil-paragrafu 31(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali il-fuq. Issa dan il-paragrafu ma għandux fost l-iskajjel tal-pieni il-minimu tal-piena ta' tliet xhur. Fil-fatt il-ħmistax il-grad jibda bil-parametri tal-piena jkunu jvarjaw minn xahar sa tliet xhur priġunerija, filwaqt li l-erbatax il-grad jippreskrivi parametri bejn xahrejn sa sitt xhur priġunerija, filwaqt li t-tlettax il-grad jipprefiġġi parametri bejn ħames xhur sa' disa' xhur u t-tnax il-grad jipprefiġġi parametri bejn seba' xhur sa' sena priġunerija.

29. Peress li l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġġi l-minimum tal-piena ta' priġunerija fi tliet xhur, meta din tiġi biex tiġi miżjuda bi grad jew tnejn u wieħed imur jara l-gradi tal-piena fl-artikolu 31(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali mhux se jsib il-minimum ta' tliet xhur priġunerija f'dawk il-gradi. Għalhekk huwa konswetudinarju li f'każ bħal dan, il-Qorti minflok tieħu qies ta' minimum ta' tliet xhur priġunerija prefiss mill-artikolu li jikkostitwixxi l-piena għar-reat involut, hija tieħu l-eqreb grad fil-minimum imsemmi fl-iskala tal-gradi previsti fl-artikolu 31(1) tal-Kodiċi Kriminali u li jkun l-iżjed vantaġġuż għall-ħati. F'dan il-każ, il-grad l-iżjed vantaġġuż huwa dak imsemmi fl-erbatax il-grad li jippreskrivi parametri bejn xahrejn sa sitt xhur priġunerija. B'hekk iż-żieda bi grad jew tnejn issir daqslikieku l-piena stabbilita għar-reat involut fil-minimum tagħha kienet, f'dan il-każ, xahrejn priġunerija u mhux tliet xhur.

30. B'hekk il-piena ta' xahrejn priġunerija imsemmija fl-erbatax il-grad u applikata għal dan il-każ kif imsemmi tiżdied għal piena ta' ħames xhur meta l-Qorti żżidha bi grad wieħed; filwaqt li tiżied għal piena ta' seba' xhur priġunerija meta l-Qorti żżidha b'żewġ gradi. Dawn iż-żidiet, minn xahrejn priġunerija għal ħames xhur priġunerija b'żieda ta' grad wieħed, jew għal seba' xhur priġunerija b'żieda ta' żewġ gradi - kif qiegħed jidher minn dak spjegat iżjed il-fuq - huma lkoll żidied fil-minimum tal-gradi rispettivi.

31. Dan allura jfisser illi biż-żieda li suppost kellha tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati bi grad jew żewġ gradi, kif kienet obbligata tagħmel bis-saħħa tal-Aritkolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, il-piena minima li kellha timponi fuq l-appellanta kellha tkun dik ta' ħames xhur jew seba' priġunerija.

32. Iġifieri meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet il-piena ta' erba' xhur priġunerija kontra l-appellanta hija kienet fil-verita qegħda

timponi piena li tiġi taħt il-minimum li setgħet timponilha bis-saħħa tal-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-inqas piena erogabbli kellha tkun dik ta' ħames xhur priġunerija.

33. Iżda l-Avukat Ġenerali ma appellatx minn dik il-piena li ġiet imposta fuq l-appellanta. Għalhekk, għalkemm dik il-piena hija żbaljata għaliex anqas mill-minimum li suppost weħlet l-appellanta, din il-Qorti ma tistax tibdel dik il-piena issa li l-Avukat Ġenerali ma appellatx minnha. Dan għaliex minn appell tal-appellant biss, din il-Qorti ma tistax tibdel il-piena għall-agħar.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiċħad l-appell u għar-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq, tħalli s-sentenza kif inhi.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**